# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 1 ta' Ġunju, 2021**

**Rikors Numru 309/21TA**

**Fl-atti tar-rikors maħluf bin-numru 247/2021TA u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 421/2021 fl-ismijiet:**

**MC Deguara Limited**

**vs**

**Sant Brothers Commercials Limited; u Paul Sant**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta` Sant Brothers Commercials Limited (is-Soċjeta` rikorrenti) tas-7 ta' April 2021;

Rat in-nota responsiva ta' MC Deguara Limited (is-Soċjeta` intimata) tad-19 ta' Mejju 2021;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li ir-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Konsiderazzjonijiet**

Dawn il-proċeduri ġew istitwiti mis-Soċjeta' rikorrenti sabiex titlob lil din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu tar-rikors odjern. Din it-talba qed issir abbażi tal-artikolu 836(1)(b)u/jew(d) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Fil-qosor is-Soċjeta' rikorrenti qed issejjes l-argumenti tagħha fuq il-kontenzjoni li hi ma hiex il-leġittima kontradittriċi f'kawża li saret kontra tagħha u Paul Sant, għall-ħlas rappresentanti xogħolijiet ta' kostruzzjoni li s-Soċjeta' intimata rrendiet. L-argument isostnih anke bl-esibizzjoni ta' kontijiet li ħarġu lil Paul Sant. Sa fejn jirrigwarda xi ħlas li sar b'vetturi li huma fuq isem is-Soċjeta' rikorrenti, is-Soċjeta' rikorrenti targumenta li dan fih innifsu ma joħloq ebda vinkolu legali bejnha u bejn is-Soċjeta' intimata. Tkompli targumenta li huwa risaput li terza persuna tista' tħallas għal ħadd ieħor. Dan il-ħlas jista' jsir anke ad insaputa tad-debitur u l-kreditur ma jistax jirrifjuta l-ħlas, anke jekk ikun hemm opposizzjoni tad-debitur.

F'dan il-każ, is-Soċjeta' rikorrenti tissottometti li dan in-negozju ġuridiku ma kienx wieħed *ad promissio*, fis-sens li s-Soċjeta' rikorrenti ntrabtet li tħallas f'każ li ma jħallasx Paul Sant. Fi ftit kliem bil-ħlas tal-imsemmija vetturi

b’daqshekk ma jfissirx li daħlet bħala garanti għall-ħlas li talvolta jista’ jkun dovut mid-debitur Paul Sant.

Fid-dawl tal-argumenti mressqa mis-Soċjeta’ rikorrenti huwa interessanti dak li ntqal fid-digriet fl-ismijiet **Av. Carmelo Castelli noe -v- Focal Maritime Services et tas-26 ta` April 2002) tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili**:-

“*Skont l-artikolu 836 (d) ... tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, mandat kawtelatorju jista’ jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv ... L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f’dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m’għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant*”.

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti. Qieset ukoll is-sottomissjoni tas-Soċjeta’ rikorrenti dwar id-distinzjoni legali bejn min iħallas dejn ta’ ħaddieħor u fejn persuna tkun fil-fatt qegħdha tagħmel tajjeb għal ħaddieħor. Fil-waqt li din il-Qorti tapprezza dawn ix-xorta ta’ sottomissjonijiet, il-kwistjoni jekk att iffissirx ħaġa jew oħra għandu jkun apprezzament minn dik il-Qorti li ġiet adita biex teżamina d-dritt sostanzjali tas-Soċjeta’ konvenuta, u mhux minn din il-Qorti ai fini ta’ dawn il-proċeduri.

F’dan il-kuntest issir referenza għall-provvedimenti fl-ismijiet **Joseph Camilleri et v. Anthony Gove` et u Josephine Sammut v. Emanuel**

**Sammut et tal-10 ta` Mejju 2001 u tad-29 ta` Novembru 2001** rispettivament fejn ingħad li:- *"… mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta` 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta` dejjem ta` procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*" Bl-argumenti imressqa mill-abbli avukat tas-Soċjeta' rikorrenti, il-Qorti hija mistiedna tinvesti kwistjoni, anke jekk fuq bażi prima facie, li hija riservata għal dik il-Qorti li ġiet adita biex tisma' l-kawża propja.

Jidher ukoll li jista' jkun il-każ li s-Soċjeta' rikorrenti u l-imsemmi Paul Sant kienu joperaw b'mod xejn ortodoss fil-kondotta tan-negozju tagħhom li jista' jagħti lok li s-Soċjeta' rikorrenti jkollha għalfejn twieġeb. Li ma kienx hekk, il-vetturi li bihom sar parti pagament ma kienux ikunu fuq isem is-Soċjeta' rikorrenti tant li fit-tielet talba tal-Kawża numru 247/21TA fl-istess ismijiet, il-Qorti qed tintalab sabiex tordna t-trasferiment formali ta' dawn il-vetturi għal fuq is-Soċjeta' intimata. L-istess Soċjeta' rikorrenti f'paragrafu 9 tar-rikors tagħha tagħraf, li dawn il-vetturi huma tassew f'isimha. Għalhekk hemm rabta ċara fir-rikors ġuramentat bejn is-Soċjeta' intimata u s-Soċjeta' rikorrenti. Kif intqal, is-Soċjeta' rikorrenti tinsisti li dan fih innifsu ma jirrendihiex responsabbli għall-ħlas. Imma kif intqal, ma hiex din il-Qorti li tista' tikkunsidra dan il-punt.

Il-Qorti għalhekk tqies li ma jirrikorrux l-estremi ġuridiċi biex it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti jintlaqgħu.

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija tiċħad it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti.

Spejjeż ta' din il-proċedura riservati mal-ġudizzju finali tal-Kawża fuq imsemmija.

**Mogħti kameralment illum 1 ta' Ġunju, 2021**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**